**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 39/18 AGV**

AB

Vs

L-Avukat Natalino De Brincat u l-PL Helen Valenzia li permezz ta' digriet datat 11 ta' Gunju, 2018 gew mahtura bhala kuraturi deputati ghall-assenti CD.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-24 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-15 ta’ Ottubru, 2004 u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) mit-3 ta’April, 2008 (Ara Dok. B anness);

3. Illi skond l-istess sentenza, l-ebda manteniment m’hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante illi l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-attur u applikat fl-intier tieghu d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-konvenuta;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin ghandhom hajja totalment separata minn xulxin tant illi huwa tilef kull kuntatt maghha u lanqas huwa edott mill-indirizz taghha;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Avukat Dr. Natalino Caruana De Brincat bhala kuratur tal-assenti CD fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti ghadu mhux edott mill-fatti.

2. Illi l-esponent jirriserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponent jirnexxielu jigi edott mill-fatti u jaghmel kuntatt mal-assenti CD.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma li kien izzewweg lill-intimata fil-15 ta' Ottubru, 2004 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Jispjega li kienu sseparaw fit-3 ta' April, 2004 b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).[1]

Ighid ukoll illi minhabba li giet applikata d-dekadenza ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaldaqstant mhux dovut ihallas manteniment ghall-intimata.

Jikkonferma ukoll li peress li ilhom isseparati ma kienx hemm cans li jirrikonciljaw, aktar u aktar meta llum ghandu hajtu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li l-kuraturi deputati ppruvaw jikkomunikaw mal-intimata assenti, izda inutilment.

Ikkunsidrat.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Citaz.Nru. 429/2007

1. Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 3 ta' April, 2008.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**